MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 182/2005/1

**Windsor Co. Ltd**

**vs**

**Fithome Ltd**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta’ Jannar, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “Il-Qorti:-
>
> Rat l-avviz pprezentat mis-socjeta attrici fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha is-somma ta’ elf, seba’ mija u sittax-il lira Maltin (LM1,716.00) dovuta bhala bilanc minn prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta attrici fuq struzzjonijiet taghha stess. (Dok. A).

Bl-imghax legali mit-tmintax (18) ta' Dicembru 2001 u bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata tnax (12) ta' Ottubru 2004 u tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 654/05, kontra s-socjeta konvenuta li r-rapprezenanti guridici taghha huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta Fithome Limited fejn eccepiet is-segwenti:-

1. Preliminarjament it-talbiet attrici huma preskritti ai termini ta' l-Artikoli 2148 u 2156 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizju ghas-suespost, is-socjeta esponenti mhiex obbligata thallas l-ammont fl-Avviz stante illi huwa wiehed eccessiv.

3. Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, x-xoghlijiet pprestati mis-socjeta attrici kienu hziena u mhux skond is-sengha u l-arti u fihom hafna difetti, tant illi ghal min kienu destinati dawn ix-xoghlijiet ma accettahomx minhabba f'hekk, kollox kif ser jigi ppruvat fil-kors ta' din il-kawza.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kollha kontra s-socjeta attrici.

Illi nhar it-tlieta ta' Novembru 2005, xehed **Anthony Galea** Managing Director tas-socjeta attrici u spjega li xi zmien ilu circa fis-sena 1999 kien mar xi rapprezentant tas-socjeta konvenuta u gablu siggu u tah struzzjonijiet biex jaghmillu l-*upholstery* tieghu u meta lesta dan ix-xoghol dan approvah u gablu konsenja ta' siggijiet ohra biex jaghmel l-istess fuqhom. Qal li sakemm jiftakar li x-xoghol kien sar f'erba' stadji u ghal kull stadju

kien hareg *invoice* separate. Huwa ghalhekk esebixxa l-*invoices* u d-*delivery notes* relattivi ghal partita ta' siggijiet li huma ghamlu l-*upholstery* taghhom. Huwa esibixxa *invoice* datata tmienja w ghoxrin (28) ta' Mejju 1999, li giet markata bhala Dok. AG 1 ghas-somma ta' seba' mija disgha u hamsin lira Maltin (LM759) rappresenanti xoghol t'*upholstery* li sar fuq diversi siggijiet, *Invoice* datata erbgha (4) ta' Gunju 1999 li giet markata bhala Dok. AG 2 ghas-somma ta' tmien mija erbgha u tmenin u hamsin centezmi maltin (LM848.50) rapprezentanti konsenja ta' wiehed u sittin siggu w *Invoice* iehor ukoll datat erbgha (4) ta' Gunju 1999 immarkata bhala Dok. AG 3, ghas-somma ta' tnejn u sebghin lira u hamsin centezmu (LM72.50), rappresentanti konsenja ta' hames siggijiet ohra. Spjega li f'kull *delivery note* hemm il-firma tar-rapprezentant tal-konvenuti li jkun ircevihom.

Spjega li bhala prattika, huma jibghatu *statement* kull xahar lid-debituri taghhom. Qal li f'dan il-kaz wara li ghadda certu zmien huwa beda jaghmel telefonati u jkellem lid-Diretturi tas-socjeta konvenuta u jistaqsi ghall-hlas. Wara xi zmien huwa ltaqa' ma certu Mr. Vella, Direttur tas-socjeta konvenuta, u dan spjegalu li s-siggijiet ma kienitx hadithom s-socjeta li kienu destinati ghaliha, pero dan nonostante weghdu li kien ser jibghatlu pagament ta' seba' mitt lira Maltin (LM700) akkont u dan kien ghamillu din id-dikjarazzjoni quddiem u fil-presenza ta' Jason Galea, impjegat tas-socjeta attrici. Qal li dan kien xi sena u nofs wara li saru l-konsenji.

Spjega li l-klijent kien xtaq li jitpogga xi *piping* fuq is-siggu pero l-*groove* ma kienx fond bizzejjed u ghalhekk kienu ssugerew li jitpogga xi *braid*, pero r-rapprezentant tas-socjeta konenuta ma kellux pjacir b'dan u ghalhekk hadmu kif ried il-klijent u kien ghalhekk li lestewlu l-ewwel il-kampjun sabiex juruh ix-xoghol. Kien wara li l-konvenut approva l-

kampjun li huma komplew bix-xoghol. Dan nonostante l-konvenut qatt ma baghat xi pagament w ghalhekk beda jerga jipprova jikkomunika mieghu. Huma l-hin kollu jweghduh li ser ihalsuh, izda l-pagament qatt ma intbaghad. Qal li l-konvenuti qatt m'ilmentaw mieghu fuq il-kwalita tax-xoghol, izda kienet id-*designer* li ma ghogobhiex ix-xoghol.

In kontr'ezami, mistoqsi ghaliex is-sur Vella ma riedx ix-xoghol, ix-xhud stqarr li sa fejn kien jaf hu l-konvenuti ma ghogobhomx ix-xoghol. Is-sur Vella kien ukoll talbu sabiex isib xi hadd li kien interessat f'dawn is-siggijiet. Qatt ma qallu li ma kienx kuntent bix-xoghol, u sar jaf li l-konvenuti ma kienux kuntenti bix-xoghol meta rcieva ittra responsiva ghall-ittra legali li kien baghat. Jghid ukoll li anke wara li kien baghat l-ittra legali tieghu, huwa rega' mar ikellem lis-sur Vella u dan irtira din l-allegazzjoni w ippromettilu li jeffettwa l-hlas. Spjega li huwa kien ghamel tlett konsenji tas-siggiejiet billi qal li kienu jghamlu hekk sabiex is-socjeta konvenuta tkun tista tghaddihom lill-klijenti taghha man mano li kienet tircevihom. Ikkonferma li bejn l-ewwel u l-ahhar konsenja, ghaddew kwazi xahrejn.

Illi nhar it-tnejn (2) ta' Frar 2006 xehed **Louis Grima** prodott mis-socjeta attrici fejn qal li huwa kien ghamel erbghin sena mpjegat mas-socjeta attrici, pero dakinhar li xehed, kien irtirat. Qal li kien jahdem fuq it-tapezzerija ta' l-ghamara. Ftakar li s-socjeta konvenuta kienet pprezentat domanda mas-socjeta attrici sabiex jaghmlu xi pultruni u ghal bidu ghamluha *sample*. Dan is-*sample* kien gie approvat u ghalhekk saret xi ordni u bdew jaghmlu lott lott ta' pultruni ghas-socjeta konvenuta. Qal li kien jaf li l-pultruni tlestew, pero meta mbaghad johorgu minn taht idejh, imorru post iehor u minn hemmhekk jigu konsenjati u fil-konsenja ma jidholx u lanqas meta effettivament gew konsenjati ma kien jaf. Qal li lmenti

minghand is-socjeta konvenuta qatt ma ircieva, salv f'okkazjoni wahda meta jiftakar kumment, fis-sens li l-injam li ntuza ma kienx irfinat ghaliex kellu xi hanek, ghalkemm l-injam kienet ipprovdietu l-istess socjeta konvenuta. Huwa kien issugerixxa li jitpogga xi lazz, pero s-socjeta konvenuta ma rieditx li dan isir. Susegwentement kien staqsa jekk is-socjeta konvenuta rieditx li jitpogga xi *braid* pero s-socjeta konvenuta ma baghtet qatt risposta. Ghalhekk huwa kien lesta ix-xoghol u safejn jaf hu, gew konsenjati grupp grupp.

In kontr'ezami jghid li huwa hadem ta' tapizzar ghal erbgha u erbghin (44) sena. Mistoqsi kif kien jaf dwar din il-kwistjoni tal-lazz, huwa wiegeb li l-imghallem tieghu kien qallu jekk setghux ipoggu l-lazz aktar'l isfel, izda huwa kien infurmah li minhabba il-konfigurazzjoni ta' l-injam moghti lilhom mis-socjeta konvenuta, dan ma kienx possibbli. Qal li safejn jaf hu x-xoghol kien tajjeb pero kieku is-socjeta konvenuta kienet accettat li jsir il-*braid*, allura ix-xoghol kien ikun aktar irfinat. Ikkonferma wkoll li x-xoghol kien qed isir *batch batch*, jitnizzel isfel w imbaghad jigi mehud ghand is-socjeta konvenuta.

Illi nhar it-tnax (12) ta' Ottubru 2006, l-avukat tas-socjeta konvenuta iccara l-ewwel eccezzjoni tieghu billi specifika li s-sub-incizi li kien qed jirreferi ghalihom huma 2148(a) u 2156(f) ghal finijiet ta' preskrizzjoni.

Illi nhar it-tnax (12) ta' Ottubru 2006 xehed **Alfred Vella** Managing Director tas-socjeta konvenuta. Qal li fis-sena 1999 huwa kien ha ordni sabiex jissuplixxi siggijiet lil lukanda u kien xtara s-siggijiet u biex isir it-tapezzar fuqhom kien irrikorra ghand is-socjeta attrici. Huwa kien spjega x'tip ta' tappezzerija kien ried u fil-fatt is-socjeta attrici kienet ipprovdietlu *sample*. Dan kien accettabli w ghalhekk kien ghamel ordni ghal mija u ghaxar siggijiet. Spjega li x-xoghol beda jinhadem

fuqhom mis-socjeta attrici u gew konsenjati fi tlett partiti b'*invoice* partikolari ghal kull *invoice* skond dawk esebiti mis-socjeta attrici markati bhala Dok. AG 1 AG 2 u AG 3. Qal li 'n segwitu huwa kkonsenjhom lil lukanda w ircieva xi lmenti fis-sens li beda jinqala l-*beading* u l-*upholstery* ma kienx tajjeb. Huwa ghalhekk kien informa lis-socjeta attrici dwar dan u dawn qalulu li kienet kwistjoni li l-injam li huma kienu tawhom ma kienx tajjeb.

Stqarr li l-lukanda rrifjutat is-siggijiet w ghalhekk kellu jirtirhom sabiex jottempora ruhu mal-kondizzjonijiet tal-kuntratt li kellu maghhom u cioe li jixtri mija u ghaxar siggu sostituttiv w in oltre wehel hamest elef lira Maltin (LM5,000) penali minhabba l-inadempjenza tal-kuntratt.

Qal li dawn is-siggijiet ghadhom fl-imhazen tieghu sa dakinhar u qieghed jara kif ser ibieghhom bi prezz ridottissimu biex jehles minnhom. Qal li appena jbiegh dawn is-siggijiet, huwa kien lest li jghamel xi pagament proprorzjonat ghax-xoghol li effettivament lahqet ghamlet is-socjeta attrici.

Cahad dak li kien qal ir-rappreentant ts-socjeta attrici li huwa kien pprometta li jhallas dak li kien qed jigi mitlub ihallas. Qal li huwa kien qal li jekk is-socjeta attrici jew huwa jsib il-biegh tas-siggijiet fil-kundizzjoni li kienu huwa kien lest li jaqta' mit-telf tieghu u maghhom jaqsam ir-rikavat. Huwa qatt m'ircieva xi intimazjoni ufficjali biex ihallas qabel l-ittra ufficjali tat-tnax (12) ta' Ottubru 2004 u minn dakinhar ta' dik l-ittra, huwa rcieva l-avviz tal-kawza odjerna.

Ikkonferma li l-ftehim originali kien ghamlu ma certu Jason li jigi n-neputi tad-Direttur tas-socjeta attrici. Il-ftehim kien fis-sens li l-*upholstery* kellu isir bir-rata ta' erbatax-il lira u hamsin centesmu Maltin (LM14.50) kull siggu kif fil-fatt gie indikat fl-*invoice* datat erbgha (4) ta' Gunju 1999. |Illi pero

jirrizulta li fit-tmienja w ghoxrin (28) ta’ Mejju r-rata li applikat s-socjeta attrici, kien ta’ sbatax-il lira u hamsa u ghoxrin centesmu Maltin (LM17.25), liema rata hija zbaljata u huwa kien lmenta dak il-hin w ghalhekk kienu gew applikati r-rati t-tajba fl-*invoices* li gew wara.

Mistoqsi ghaliex kien wehel il-penali ta’ hames elef lira Maltin (LM5,000) u li ghadu bis-siggijet fil-mahzen u dan nonostante ghadu lest ihallas lis-socjeta attrici, x-xhud wiegeb li kien lest li jghamel dan biex juri il buona volonta’.

Huwa esebixxa kopja t’ittra mibghuta mid-difensur tieghu fid-disgha (9) ta’ Ottubru 2002, fejn kien irrileva dak li xehed dwaru f’din is-seduta u l-ittra giet markata bhala Dok. AV 1.

Ikkunsidrat:

Kif diga nghad fin-nota t’eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta, is-socjeta konvenuta qeghda tghid li l-azzjoni intavolata kontriha, kienet perenta a tenur ta’ l-artikolu 2148(a) u l-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-artikolu 2148 (a) jistipula illi:

**2148.** L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ tmintax-il xahar:

*(a)* l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, arġentieri, arluġġara u ta’ persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz ta’ l-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu;

*(b)* Dwar din l-ipotesi u cioe dak li hemm kontemplat fl-artikolu 2148(a) tal-Kap. 16, il-Qorti tirrileva illi s-socjeta attrici ma tikkwalifikax bhala persuna li tezercita wahda mis-snajjiet hemm

imsemmija u ghalhekk zgur li din il-preskrizzjoni ma hijiex applikabbli.

Jifdal ghalhekk x'jigi deciz jekk hux applikabbli l-preskrizzjoni ta' hames snin (l-artikolu 2156 tal-Kap.16).

Skond il-verbal tat-tnax (12) ta' Ottubru 2006, is-socjeta konvenuta kienet qed tirreferi ghas-sub inciz (f) tal-artikolu 2156. Dan is-sub-inciz ta' dan l-artikolu tal-ligi jghid is-segwenti:

*"L-azzjoni ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra meta l-kreditu ma jkunx jaqa skond dina l-ligi jew ligijiet ohra, tal-preskrizzjoni oqsra jew ma jkunx jirrisulta minn att pubbliku."*

Illi skond is-sentenza fl-ismijiet **Paola Calleja vs Luigi Vella** deciza nhar l-hmistax (15) ta' Gunju 1966 mill-Qorti tal-Appell Kummrcjali, gie rilevat

"*Illi meta jigi eccepit l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali imiss lill-konvenut li jipprova li l-hames snin kienu ghalqu. Jekk dan jigi pruvat, kien imiss imbaghad lill-attur li jipprova illi l-kaz tal-preskrizzjoni kien gie validament interott."*

Illi s-socjeta konvenuta tramite ix-xhud taghha Alfred Vella tghid li hija kienet ghamlet ordni sabiex tixtri siggijiet minghand is-socjeta attrici wara li kienet hadet ordni sabiex tissupplixxi l-istess ghal xi lukanda partikolari fix-xahar ta' Gunju 1999. Hija qatt ma tichad li effettivament is-siggijiet gew konsenjati lilha ghalkemm fil-kors tax-xhieda taghha tghid li ma kienitx kontenta bil-konsenji. Illi fil-fatt is-socjeta konvenuta esebiet dokument konsistenti f'*fax* datat tnax (12) t'Awissu 1999, immarkat bhala Dok. AV, li jindika li effettivament is-sigijiet mixtrija minghand is-socjeta attrici, kienu diga gew konsenjati lil klijent taghha.

In oltre esebiet dokument iehor datat disgha (9) t'Ottubru 2002 fejn hemm indikat li s-socjeta konvenuta kienet qed tikkontesta l-ammont mitlub mis-socjeta attrici ghar-ragunijiet hemm imsemmija.

Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar id-dati tat-tlett konsenji tal-merkanzija u cioe dawk indikati fl-*invoice* tas-socjeta attrici a fol 2 tal-atti. L-ahhar konsenja kienet fl-erbgha (4) ta' Gunju 1999 filwaqt li l-ewwel konsenja saret fit-tmienja w ghoxrin (28) ta' Mejju 1999.

Illi mill-provi prodotti ghalhekk jirrizulta li minn meta l-merkanzija giet konsenjata lis-socjeta konventa u cioe l-ahhar konsenja fl-erbgha (4) ta' Gunju 1999 'l quddiem, l-ewwel att gudizjarji kien l-avviz odjern li gie prezentat fl-erbgha (4) ta' April 2005, notifikat lis-socjeta konvenuta nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta' April 2005 w ghalhekk wara l-gheluq tal-hames snin mill-ahhar konsenja.

Illi s-socjeta ma resqet l-ebda prova sabiex tikkonvinci lil Qorti li dan il-perjodu ta' hames snin kien b'xi mod gie nterott.

Ghalhekk jirrizulta li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-hames snin kif kontemplata fl-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 ghandha tigi milqugha stante li giet ippruvata w in vista tal-istess ghalhekk din il-Qorti ma tarax li hemm bzonn li titratta l-eccezzjonijiet l-ohra imressqa mis-socjeta konevnuta.

Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta, qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra u tichad it-talba tas-socjeta attrici.

L-ispejjes ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta attrici.**"**

Bl-appell taghha minn din is-sentenza s-socjeta` attrici tikkwerela r-ragonament ta' l-ewwel Qorti li akkoljiet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni opposta a norma ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili. Hi, invece, tikkontendi li dik il-preskrizzjoni kienet inattendibbli in kwantu akkompanjata minn eccezzjoni li tghid li l-ammont reklamat hu esagerat. Skond is-socjeta` attrici appellanti, b'din l-eccezzjoni s-socjeta` konvenuta kienet qed taghraf almenu l-ezistenza ta' parti mid-debitu u tali jimporta rinunzja ghall-preskrizzjoni kompjuta. Zewg ilmenti ohra ta' l-istess socjeta` appellanti huma fis-sens li s-socjeta` konvenuta kienet weghditha li ser thallas u, ukoll, li l-ewwel Qorti ma setghetx tindika hi stess liema preskrizzjoni kienet applikabbli;

Dan l-ahhar ilment qed jigi mill-ewwel skartat ghar-raguni illi mill-atti tal-kawza jirrizulta b'mod evidenti illi kienet l-istess socjeta` konvenuta, u mhux il-Qorti, li b'mod specifiku identifikat is-subincizi li hi dehrilha li kienu applikabbli fl-ambitu tat-termini preskrizzjonali a norma ta' l-Artikoli 2148 u 2156 tal-Kodici Civili, minnha riferenzjati bl-ewwel eccezzjoni. Ara verbal ta' l-udjenza tat-12 ta' Ottubru, 2006 a fol. 25;

Eliminat dan l-ilment, certament l-ewwel obbjezzjoni timmerita bil-wisq aktar approfondiment in kwantu ggib 'il quddiem ghall-ezami minn din il-Qorti l-prospettazzjoni ta' qaghda ta' inkompatibilita` bejn certa kondotta tas-socjeta` konvenuta u dik tal-volonta` taghha li topponi l-kawza estintiva ta' l-azzjoni tas-socjeta` attrici. Jikkonsegwi minn dan illi r-ricerka trid tigi indirizzata ghall-kwestjoni jekk f'dik il-kondotta tas-socjeta` konvenuta hemmx insit, minghajr possibilita` ta' interpretazzjoni diversa, l-volonta` inekwivoka taghha tar-rinunzja gja maturata u, allura, jekk l-istess socjeta` konvenuta appellata kienetx qeghda hi stess, b'dak l-atteggjament taghha, tikkonsidra bhala li ghadu veljanti d-dritt ta' azzjoni li kien estint;

Is-sentenza appellata bl-ebda mod ma kkoncentrat ruhha fuq dan il-punt izda sempliciment illimitat ruhha ghall-accertament tad-dekorriment taz-zmien statutorju prefiss fl-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili. Minn naha l-ohra, fir-risposta ta' l-appell taghha s-socjeta` konvenuta tikkontendi illi l-inkompatibilita` bejn l-ewwel u t-tieni eccezzjoni taghha ma tissussistix ghaliex, fl-ewwel lok din giet hekk sollevata "minghajr pregudizzju" u f'kull kaz din mhix kontradittorja ghall-eccezzjoni l-ohra tal-preskrizzjoni. Fl-ispjegazzjoni moghtija minnha s-socjeta` konvenuta appellata tissottometti illi dik it-tieni eccezzjoni taghha ta' l-eccessivita` tal-kwantum kienet intiza illi f'kaz li tfalli l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi zzomm l-jedd li tikkontesta l-kwantum pretiz;

Premess dan, hu sew maghruf in linea ta' principju generali illi r-rikonoxximent ta' debitu jista' jestrinsika ruhu sew minn dikjarazzjoni esplicita, sew minn kull fatt iehor, kompriza l-manifestazzjoni tacita tal-volonta`, li jimplika l-ammissjoni tad-dritt kreditorju tal-kontro-parti. Skond ma hu ritenut "ir-rikonoxximent mhux haga ohra hlief rinunzja, u ghalhekk issir applikabbli ghalih ir-regoli komuni tar-rinunzja, fosthom dik li tkun espressa jew tacita". ("**Nicola Farrugia *proprio et nomine* -vs- Francesco Farrugia *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 10 ta' Dicembru, 1954);

Wisq naturali, in meritu ghall-punt hawn ikkunsidrat, ir-rinunzja, minhabba l-effett ta' fatt jew att inkompatibbli mal-volonta`, tista' tigi dezunta anke minn certi difizi formulati b'mod li jimplikaw l-ammissibilita` tad-dritt kreditorju. Kif pero` jinsab kawtelat "f'dan l-ezami ghandu naturalment isehh il-principju li jiggoverna kwalunkwe rinunzja tacita, cioe`, illi l-fatt li minnu tigi indotta r-rinunzja tacita jehtieg ikun tali li ma jistax ragonevolment jigi interpretat mod iehor ghajr illi min ghamlu ried jirrinunzja. Dan ifisser illi, biex jista' jinghad li l-konvenuta rrinunzjat tacitament ghall-preskrizzjoni issa eccepita minnha, jehtieg li l-Qorti tkun sodisfatta illi l-ghemil taghha huwa inkompatibbli mal-volonta taghha li tivvantaggja ruhha

mill-preskrizzjoni akkwistata”. (“**Joseph Borg -vs- Nobbli Maria Testaferrata Bonici**”, Appell Civili, 24 ta’ Marzu, 1958);

Il-Qorti hawnhekk jidhrilha opportun li tillustra r-riljevi maghmula b’xi ezemplari rakkolti mill-gurisprudenza:-

(1) Fejn jirrizulta illi d-debitur “*avesse confessato, anche indirettamente, di non aver pagato il debito che risultasse veramente dovuto, egli non puo opporre la prescrizione suddetta*” – “**Parroco Sac. Francesco Saverio Mifsud -vs- Nicola Decelis**”, Appell Civili, 28 ta’ Frar, 1921;

(2) “Min jiddikjara li ma jafx bl-ezistenza tad-dejn li jintalab kontra tieghu, imma fl-istess hin jghid li jekk issir il-prova relattiva huwa jhallas jigi li jinterrompi l-preskrizzjoni, jew jirrinunzja ghaliha” – “**Giuseppe Duca -vs- Giuseppe Galea**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 21 ta’ April, 1961;

(3) “L-eccezzjoni tal-kompensazzjoni timporta rikonjizzjoni tad-dejn, u dan ir-rikonoxximent jinterrompi l-preskrizzjoni, u jimporta wkoll rinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun gja kompjuta” – “**Negte. Carmelo Schembri *et* -vs- Neg. Costantino Balzan *et***”, Appell Kummercjali, 3 ta’ Frar, 1950;

(4) Aktar vicin il-fattispeci tal-kaz prezenti nsibu illi meta l-konvenut jiddifendi ruhu billi jghid li ma ghandux jaghti daqshekk jew li l-ammont mitlub huwa esagerat, hemm rinunzja tacita ghall-preskrizzjoni billi d-debitur “*senza negare di essere tale, si limiti a discutere ed impugnare l’ammontare dovuto*” (“**Giovanni Camilleri -vs- Salvatore Mangion**”, Appell Inferjuri, 1 ta’ Ottubru, 1927). B’dik id-difiza l-ohra jsegwi li d-debitur mhux qed jichad li ghandu jaghti imma biss jallega li huwa jidhirlu li ma ghandux jaghti daqs kemm il-kreditur jippretendi minghandu. B’dan il-fatt huwa jigi li rrinunzja tacitament ghall-preskrizzjoni. Ara “**Giorgio Demarco *et* -vs- Giovanni Aquilina**”, Appell Kummercjali, 10 ta’ Gunju, 1946. Fl-istess sens is-sentenzi fl-ismijiet “**Giovanni Sammut -vs- Philip A. Grima**”, Qorti tal-Kummerc, 7 ta’

Ottubru, 1954 u "**Anthony Fenech *et nomine* -vs- John Saliba**", Qorti tal-Kummerc, 21 ta' April, 1971;

Jekk wiehed joqghod ghall-enuncjazzjonijiet stabbiliti f'dawn l-ahhar decizjonijiet imsemmija, ghandu jinzel b'konsegwenza illi l-preskrizzjoni opposta mis-socjeta` konvenuta f'dan il-kaz kellha tigi ritenuta ineffikaci in kwantu inkompatibbli ma' dik l-eccezzjoni l-ohra sottomessa illi l-ammont huwa wiehed eccessiv. Bi twegiba ghal certu riljev maghmul mis-socjeta` konvenuta appellata, biex wiehed jissellef il-hsieb ikkummentat fid-decizjoni "**Felice Fenech -vs- Carmelo Bellia**", Prim' Awla, Qorti Civili, 29 ta' Jannar, 1960, anke jekk f'dak il-kaz, l-eccezzjoni l-ohra trattava ta' wahda ta' kompensazzjoni, "xejn ma jiswa illi l-kompensazzjoni tigi opposta *in subordine* u bla pregudizzju ta' l-eccepita preskrizzjoni, in vista tal-principju '*protestatio contra factum non relevat'*, u bil-fatt tieghu stess il-konvenut gie rrinunzja ghall-preskrizzjoni u ghalhekk ma setax isalvaha b'semplici rizerva". Hsieb dan li sab terren fertili fid-decizjoni fl-ismijiet "**Antonia Attard Gialanze -vs- Emanuel u Doris Rizzo**", Appell Inferjuri, 29 ta' Jannar, 1998, b'fattispeci konsimili hafna ghal dawk tal-kaz odjern, u fejn il-Qorti ziedet tghid illi "l-argoment li l-konvenuti kienu obbligati li jressqu l-eccezzjonijiet kollha taghhom f'daqqa ma jbiddelx mis-sustanza ta' din id-dottrina legali kif enuncjata";

Raggunta din il-konkluzjoni din il-Qorti ma tarax li tezisti l-htiega li tinvesti t-tieni aggravju, riferibilment ghall-ezistenza o meno ta' promessi ta' pagament.

Ghall-motivi kollha superjorment dedotti din il-Qorti qed tiddeciedi billi tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata pronunzjata fit-28 ta' Jannar, 2008, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta appellata. Tirrinvija l-atti lura lill-ewwel Qorti ghad-deliberazzjoni u decizjoni minnha tal-mertu tat-talba attrici u ta' l-

eccezzjonijiet l-ohra ghaliha sollevati mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------